# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/22/PESK

### tal-20 ta' Jannar 2014

### li temenda d-Deċiżjoni 2013/353/PESK li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/518/PESK ([1]) biex ħatar lis-Sur Philippe LEFORT bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja.

(2) Fit-2 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/353/PESK ([2]) biex estenda l-mandat tar-RSUE sat-30 ta' Ġunju 2014 u biex jipprovdi għal ammont ta' referenza finanzjarja sal-31 ta' Diċembru 2013.

(3) Għandu jsir provvediment għal ammont ta' referenza finanzjarja ġdid li jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Ġunju 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/353/PESK huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Ġunju 2014 għandu jkun ta' EUR 1 040 000."

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:

"In-nefqa ffinanzjata mill-ammont li jidher fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Lulju 2013."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/518/PESK tal-25 ta' Awwissu 2011 li taħtar lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja (ĠU L 221, 27.8.2011, p. 5).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/353/PESK tat-2 ta' Lulju 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 9).